TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/62/16/S

Charmaine Zerafa
vs
Micra Ltd

Illum, 6 ta'Mejju,2021.

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-24 ta' Marzu, 2016;
Ra r-Risposta u kontro-talba tas-socjeta intimata ippreżentata fit-13 ta' Novembru 2016;
Ra r-Risposta ghall-kontro-talba tar-rikorrenti ippreżentata fit-18 ta' Mejju 2016;
Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u sema' x-xhieda;

It-talba tar-rikorrent u l-eċċezzjonijiet tal-intimat

Permezz tal-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbet li s-socjeta intimata tkun ikkundannata tħallasha l-ammont ta' €996.00 wara li l-kcina ma kinitx lesta kompletament u kien ghalhekk li halliet bilanc.
Skont ir-rikorrenti, il-kcina kellha hafna difetti li ma jistawx jitrangaw.
Is-socjeta intimata resqet is-segwenti punti :

- It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u skont is-socjeta intimata, dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi skont il-kontro-talba pprezentata kontestwalment;

- Ir-rikorrenti hi debitrici tas-socjeta intimata fl-ammont ta' €996.00 kif spjrgat fil-kontro-talba.

Il-provi prodotti

- Is-socjeta intimata marret erbgha darbiet biex tirranga dawk li r-rikorrenti sejhet difetti;

- Gie pprezentat dokument mhux guramentat ta' Gennaro Rosario De Luca bhala espert *ex parte* li spjega n-nuqqasijiet li kellha l-kcina in kwistjoni (Dok K);

- Dok J ipprezentat mir-rikorrenti jispjega n-nuqqasijiet li kellha l-kcina;

-Hemm kontestazzjoni jekk il-gnub tal-kcina kellhomx ikunu mastizzi jew le.

-Saru xi emendi fl-ordni u nbidel ukoll il-prezz.

-Skont ir-rikorrenti, il-kcina konsenjatra ma kinitx kif ordnata minnha.

Konsiderazzjonijiet fattwali u legali

Il-każ jikkonċerna kcina li allegatament skont ir-rikorrenti kellha diversi difetti. Jinghad mal-ewwel li r-ritratti prezentati jaghtu indikazzjoni tax-xoghol mhux ezatt meta per ezempju inqatghet il-kuruna.

Fl-ewwel lok dan it-Tribunal irid jara jekk il-kumpens mitlub (jew kwalsiasi kumpens) huwiex gustifikat.

Fir-rigward tas-*side panels* u jekk dawn gewx ordnati biex jigu maghmula mastizzi (*solid)*, dan mhuwiex rifless fl-ordni. Anki jekk ir-rikorrenti kellha dan f'mohhha meta saret l-ordni, imissha insistiet li din tigi riflessa bil-miktub fl-ordni.

Illi fir-rigward tal-modifiki, dawn kellhom l-effett li t-toqob fil-bibien baqghu jidhru minn gewwa.

Jinghad ukoll li r-rikorrenti naqset milli tispjega kif waslet ghall-ammont ta' kumpens u cioe ta'€996.00. Zgur li mhuwiex bizzejjed li persuna tiddeciedi ammont ta' kumpens skont l-ammont li baqa' pendenti kif jidher li gara f'dan il-kaz.

Min-naha l-ohra dan it-Tribunal hu tal-fehma li r-ritratti juru ammont ta' difetti u ghalhekk kwalunkwe kumpens moghti ghandu jaghmel tajjeb ghall-hsara u dan kif kostantement stabbilit mill-Qrati taghna[1].

Ghalhekk dan it-Tribunal jikkontendi li l-ammont ta'kumpens mitlub mir-rikorrenti hu wiehed eccessiv fic-cirkostanzi u skont il-provi prodotti.

[1] Ara kawza fl-ismijiet "Guillaimier Industries Limited et vs Taormina Holdings Ltd" deciza fis-26 ta'Mejju,2017 mill-Qorti tal-Appell(1017/98)

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, dan it-Tribunal qed jistabilixxi *ex aequo et boni* is-somma ta' €200 bhala kumpens u li ghandu jitnaqqas minn dak dovut mir-rikorrenti lis-socjeta intimata.

Deċide

Għaldaqstant, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li sema' x-xhieda kollha, wara li ħa konjizzjoni tal-provi kollha u taċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' *in parte* t-talba tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet u kontro-talba tas-socjeta intimata b'dan li r-rikorrenti ghandha tħallas lis-socjeta intimata is-somma ta' €796.

It-Tribunal jordna li kull parti ghandha tħallas l-ispejjez rispettivi ta'dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
ARBITRU